# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*


## *Rapport Amministrattiv Annwali*

## *Għas-Sena 2012*

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri s-sena 2012.

Il-Kunsill tas-Sitt Leġislatura, li ħa l-ġurament fit-30 ta' Ġunju 2009, huwa ffurmat mis-Sur Paul Vella, Sindku, is-Sur Eman Vella, Deputat-Sindku, is-Sur Clayton Gauci, is-Sur Giovanni Gatt u s-Sinjura Maria Said bħala Kunsilliera. Dan il-Kunsill kien l-ewwel wieħed li dam fil-kariġa erba' snin wara li saret ir-riforma fil-Kunsilli Lokali. L-Elezzjonijiet għal kunsill ġdid ser isir ix-xahar id-dieħel fid-9 ta' Marzu 2013.

Il-Kunsill Lokali huwa kommess sabiex ikun ta' servizz lejn il-kommunita' u għaldaqstant, minbarra l'irwol tiegħu hekk kif deskritt fil-Liġi, matul il-leġislatura kollha, joħloq, jorganiżża u jmexxi attivitajiet bl-għan li jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja taċ-ċittadini tal-lokalita'. Dawn li ġejjin huma parti minn dawn l-attivitajiet u avvenimenti li seħħew matul is-sena 2012.

### Ġieħ l-Imġarr

Waħda mill-aktar avvenimenti importanti u mistennija fil-lokalita' hija l-lejla ta' 'Ġieħ l-Imġarr' fejn fiha nies li jkunu ħadmu b' risq dan ir-raħal u dak kollu marbut miegħu, jingħataw apprezzament għall-ħidma tagħhom. Fl-attivita' tal-2012, ingħata Ġieħ in absentia lill-Profs. David Trump (li dwaru ser nitkellmu aktar tard), kif ukoll ingħataw 3 Rikonnoxximenti.

Matul l-2011, il-Kunsill ħa l-innizzjattiva biex jitwaqqaf sotto-kumitat għall-dan l-avveniment. Waħda mill-ewwel reviżjonijiet li dan is-sotto-kumitat wettaq, kienet fir-regolamenti li diġa' daħlu fis-seħħ fl-edizzjoni tal-2012.

Fil-Ġieħ l-Imġarr tal-2012, ingħatat attenzjoni speċjali lejn il-memorja tas-Surmast Ganni A. Cilia, b' filmat u informazzjoni dwar ħajtu u ħidmietu matul is-serata kif ukoll bil-ftuħ uffiċċjali tas-sala fl-iskola primarja imsemmija għalih matul l-istess serata.

### Varat il-proġett tar-restawr tal-Fortifikazzjonijiet ta' L-Għasfura, qrib Fomm ir-Riħ.

Dan il-proġett se jkun qed jibdel sit storiku abbandunat u imġarraf f' sit ta' rikreazzjoni u edukazzjoni. Għall-dan il-proġett il-Kunsill daħal fi' sħab mal-HSBC Malta Foundation, l-Institute of Earth Science tal-Universita' ta' Malta kif ukoll in-Nature Trust. Dan is-sit ser jiġi devolut lill-Kunsill Lokali tal-Imġarr mid-Dipartiment tal-Artijiet tal-Gvern fil-ġranet li ġejjin.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

It-tnedija saret fil-bini tal-Kunsill fejn għaliha attendew, fost l-oħrajn, is-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi u mart il-Prim Ministru, is-Sinjura Kate Gonzi. Wara saret mawra fuq is-sit innifsu minn dawk kollha involuti fil-proġett.

**Festa Frawli**

Attivita' oħra ferm mistennija kemm mill-Maltin kif ukoll mill-barranin hija dik ta' Festa Frawli, organiżżata mill-Kummissjoni Lejla Mġarrija. Il-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu f' din l-attivita'u din is-sena applika b'suċċess għal-fondi tal-iskema għal inizjattivi

Din is-sena ġie ukoll provdut servizz ta' Park and Ride minn Ta' Qali li kien wieħed popolari ħafna u hemm il-ħsieb li din is-sena jiġi estiż biex ikun jista' jakkomoda aktar nies.

**Żjara tal-Profs. David Trump fil-Kunsill**

Matul ix-xahar ta' Marzu il-Kunsill kien qed jospita esibizzjoni dwar is-siti preistoriċi tal-Imġarr imtella minn Heritage Malta. Matul din l-esibizzjoni, il-Kunsill kien onorat bil-presenza tal-Profs. David Trump, arkejologu ta' fama mondjali li wettaq diversi skavi u studji fuq is-siti megalitiċi ta' l-Imġarr. Profs. Trump ma naqasx milli jgħati informazzjoni interessanti u saħansitra offra wieħed mill-istudji tiegħu biex ġie ppubblikat fir-rivista tal-Kunsill, Il-Miġbħa.

**Konferenza tal-Proġett CYPFIRE fl-Imġarr**

Il-Kunsill huwa wieħed mill-partners minn madwar il-Mediterran kollu fil-proġett Med, CYPFIRE. Dan il-proġett jagħmel studji fuq is-siġar taċ-Ċipress u r-relazzjoni tiegħu mal-klima, nar, riħ u ambjent. Għaldaqstant, il-Kunsill organizza konferenza ta' dan il-proġett f' April li għadda. Matul din il-konferenza ipparteċipaw diversi esperti u studjużi tal-qasam tas-siġar li ippreżentaw u komplew jiddiskutu diversi temi relatati mas-siġar taċ-ċipress. Saru wkoll żjarat fl-imxietel taċ-ċipress tal-Ġnejna u tal-Ballut.

**Kommemorazzjoni tal-Vittmi tal-Gwerra**

F' Mejju saret kommemorazzjoni tal-vittmi tat-Tieni Gwerra Dinjija. Saret quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u wara saret ċelebrazzjoni quddiem il-ħaġra tat-tifkira li hemm mal-faċċata tal-bini tal-Kunsill. Indaqet ukoll fanfara f' ġieħ il-vittmi.

Dan kien avveniment storiku ukoll peress li kienet l-ewwel okkazzjoni fejn il-banda Marija Mtellgħa s-Sema ta' l-Imġarr daqqet fil-pubbliku. Ta' min isemmu wkoll li il-Kunsill qed joffri l-użu tal-bini tiegħu għat-taħriġ tal-mużika tal-allievi ta' din il-banda.

**Festival Hidmet Missirijietna**

Attivita' marbuta mal-folklor u tradizzjonijiet lokali hija l-Festival Ħidmet Missirijietna, li ġiet organizzata għat-tielet sena. Dawk li jattendu f' din attivita' jiskopru l-ħidma agrikola bil-metodi ta' missirijietna. Il-protagonisti f'din l-attività kienu l-qiegħa tal-qamħ tradizzjonali fl-għelieqi u l-ħart bil-bhejjem. F' din l-edizzjoni kien hemm attendenza aktar numeruża u dan il-festival ser jerġa' jiġi organnizzat ukoll din is-sena u hemm il-pjan li jsir aktar investiment fih, speċjalment permezz ta' fondi mgħotija apposta minn skemi ta' inċentivi mill-Gvern.

**Lejla Mġarrija**

Waħda mill-aktar avvenimenti importanti matul ix-xhur tas-sajf hija l-Lejla Mġarrija. Din hija attivita' popolari ħafna u tkun mistennija minn bosta Maltin. Bl-organiżżazzjoni tal-Kummissjoni Lejla Mġarrija, il-Kunsill Lokali jagħti sehem u jgħin f' din l-attivita'. Wirjiet ta' ħxejjex u frott, ta' makkinarju antik, ta' karrozzi antiki kif ukoll snajja tradizzjonali u varjeta' jagħtu l-ħajja lil din l-attivita' li tkompli tixhed l-impenn tal-Kunsill biex jisalvagwardja l-identita' unika tiegħu.

**Korsijiet**

Waħda mill-aktar rwoli importanti tal-Kunsill huwa dak li jippromwovi aktar tagħlim extra-kurrikulari fost il-popolazzjoni tal-lokalita'. Għaldaqstant ġew organizzati korsijiet immirati apposta għall-setturi varji tas-soċjeta'. Saru korsijiet ta' crafts, dekorazzjonijiet tal-kejkiet u pasti, korsijiet tal-fotografija, kif ukoll diversi taħdiet edukattivi fil-bini tal-Kunsill.

**Restawr**

Il-Kunsill għandu għall-qalbu l-binjiet storiċi li għaddewlna missirijietna u għalkemm ir-restawr ta' dan it-tip ta' postijiet joffri sfidi konsiderevoli, speċjalment ta' natura finanzjarja, il-Kunsill xorta jipprova bla heda biex jieħu ħsieb ta' dawn il-postijiet.

Barra l-proġett tar-restawr tas-sit ta' l-Għasfura, msemmi aktar qabel, il-Kunsill din is-sena ħa ħsieb ukoll ir-restawr tal-ġiebja ta' Binġemma wara li saritilha xi ħsara f' inċident ta' traffiku. Dan ix-xogħol sar bl-għajnuna fejjieda tal-Ministeru tar-Risorsi u l-Affarijiet Rurali.

Il-Kunsill ħa ħsieb japplika wkoll għall-fondi mingħand il-Gvern għall-restawr ta' postijiet storiċi. Fil-fatt il-Gvern hu kommess li jagħti għajnuna għar-restawr tan-niċċa tal-Madonna ta' Binġemma kif ukoll għall-rinnovament tas-Salib tad-Dejma biswit il-knisja parrokkjali.

Matul l-2012 ukoll saru numru ta' konsulenzi barranin u studju dwar ir-restawr tas-Silos f' Tal-Palma. Ġiet avviċinata kumpanija Ingliża u esponenti tagħha ġew Malta u għamlu studju dettaljat ta' din l-intervent. Sfortunatament il-koordinatur Ingliż ta' dan il-proġett miet ħesrem matul din is-sena u tefa ftit lura l-proċess. Wieħed jittama li dan il-proġett jingħata spinta ġdida biex ikun jista' jitwettaq.

**Toroq**

It-toroq u l-bankini madwar l-Imġarr inżammu f'kundizzjoni tajba permezz ta' manutenzjoni kontinwa tal-handymen, li kienu responsabbli għal dan ix-xogħol, filwaqt li nqata' l-ħaxix b'mod kontinwu mit-toroq rurali. Fost is-sejħiet għall-offerti maħruġa kienet dik għall-xogħol ta' patching fit-toroq.

Proġett ieħor li sewa' ħafna ħin u xogħol kien dak tar-resurfacing ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP. Il-kunsill kien applika għall-din l-iskema matul is-sena2010 imma minħabba diversi nuqqasijiet tal-kuntrattur dan ix-xogħol qatt ma twettaq. Saru numru ta' laqgħat u diskussjonijiet mal-entitajiet u mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u fl-aħħar il-Kunsill inħgata l-barka li jerġa joħroġ sejħa ġdida. Dan sar u qed jiġu evalwati l-aħjar mod ta' kif għandu jitwettaq dan ix-xogħol. L-akbar ostaklu huwa dak li il-prezzijiet ta' dawn ix-xogħlijiet żdied enormement. Madanakollu il-Kunsill ser ikun qed iwettaq numru ta' toroq, l-ewwel dawk l-aktar li jinħtieġu attenzjoni minħabba is-sitwazzjoni tagħhom.

**Dwal tat-Toroq**

Ġew installati numru ta' bozoz ġodda biex ikomplu jdawwlu kif jixraq it-toroq tagħna. Barra minn hekk il-Kunsill qed jara li l-manutenzjoni tal-bozoz issir b'mod immedjat għal ġid tar-residenti. Saru installazzjonijiet ġodda fiż-żoni ta' Ballut, tal-Palma, Ta' Mrejnu, Triq Sant Anna, u Triq il-Majjistral, fost l-oħrajn.

**Aċċess għat-Tempji ta' Skorba u ta' Haġrat**

Il-Kunsill Lokali kompla jtejjeb u joffri s-servizz tiegħu fil-bejgħ ta' biljetti għat-tempji ta' Skorba u ta' Haġrat. B'hekk dawn it-tempji ta' Wirt Storiku Dinji ma baqgħux jinfetħu biss għal ftit ħin kull nhar ta' Tlieta. Illum wieħed jista' jaqta' l-biljetti mill-Kunsill Lokali u jżur dawn it-tempji kull nhar ta' Tlieta, il-Hamis u s-Sibt. Il-Kunsill kellu wkoll diversi laqgħat ma' Heritage Malta biex jiġi esplorati metodi u proċeduri li jkomplu jtejbu dan is-servizz.

**Vaċċin tal-Influwenza**

Il-Kunsill offra għal-darb' oħra is-servizz biex l-anzjani tal-lokal jingħataw il-vaċċin tal-influwenza. Hafna residenti għamlu użu minn dan is-servizz.

**Hampers tal-Milied**

Fil-ġimgħat tal-Milied reġa' sar it-tqassim tal-Hampers lil madwar 30 persuna bi bżonnijiet speċjali. Dan hu ġest li jiġi apprezzat ħafna minn dawn il-persuni. Saru wkoll viżti mill-Kunsilliera lill-nies mill-Imġarr li jinsabu fid-djar tal-anzjani.

**Esibizzjonijiet Kulturali**

**Kunsill Lokali Mgarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

F' Diċembru saru diversi esibizzjonijiet kulturali fil-bini tal-Kunsill. Waħda mill-aktar affaxxinanti kienet wirja ta' fotografija li ġiet imtella' mill-istudenti tal-kors tal-fotografija. Din kienet wirja interessant ħafna li nltaqgħet sew minn dawk li żaruha.

Esibizzjoni oħra kienet dik ta' pittura tal-pittur Imġarri, Vincent Abela. Numru sostanzjali ta' xogħolijiet kienu esebiti f' din li kienet l-ewwel mostra solitarja ta' dan il-pittur ta' talent.

Mill-aħħar tas-sena diversi xogħolijiet tal-arti qed ikunu eżebiti fil-bini tal-Kunsill bħala parti mill-Biennale Artistica tal-kuratriċi Dame Francoise Tempra.

**Ċertifikat ta' ħidma sfieqa fis-settur finanzjarju**
L-isforzi kolettivi tal-Kunsill sabiex jagħmel użu aħjar u aktar effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji tiegħu ingħataw rikonnoxximent fir-rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur, li ġie rrappurtat fuq il-mezzi tax-xandir fejn kien hemm imniżżel li :
*Mġarr was the only council to improve its working capital, turning a negative €61,000 in 2010 to a positive balance of €70,000 last year.*

Dawn il-flus issa ser jiġu investiti fi proġetti kapitali, fosthom prinċiparjament għat-toroq tal-PPP.

**Ċentru ta' Matul il-Jum**
Wieħed mill-aktar proġetti għall-qalb il-Kunsill kien il-varar taċ-ċentru ta' matul il-jum għall-anzjani. Dan beda jopera fl-aħħar ġimgħat tal-2012 u diġa qed igawdi minn numru ta' frekwentaturi entużjasti ta' kull ġimgħa. Matul il-jum l-anzjani jkunu jistgħu jattendu, jitgħallmu, jagħmlu ħbieb u jiskopru talenti ġodda. Il-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita' kien strumentali fit-twaqqif ta' dan iċ-ċentru.

Ta' min jinnota li dan iċ-ċentru ser ikun miftuħ uffiċċjalment nhar it-Tlieta 26 ta' Frar li ġej, mill-Prim Ministru.

**Website u Social Networking**
Matul din is-sena il-Kunsill ta spinta fejn tidħol it-teknolġija tal-informatika, speċjalment bil-varar ta' website ġdida u modera – www.mgarrlc.com. Din il-paġna toffri informazzjoni, servizzi, u ritratti kif ukoll mezz ta' kommunikazzjoni mal-Kunsill.

Ingħatat dehra ġdida ukoll lill-paġna u l-profil tal-Kunsill fuq is-social network site – facebook. Dan kolu jgħin biex tingħata aktar inforamzzjoni lil dawk kollha li għandhom għall-qalbhom il-lokalita' tagħna.

Barra minn hekk sar investiment ukoll fis-sistemi tal-Kompjuter tal-Kunsill kemm fejn jidħol ħardware kif ukoll software u programmi li jżżidu l-effiċjenza.

**Sehem fil-Culinary & Crafts Festival**
F' Diċembru li għadda il-Kunsill ippartеċipa f' dan il-festival organizzata mill-organizzazzjoni Leader Majjistral li tgħaqqad flimkien il-Kunsill Lokali ta' din il-parti ta' Malta. F' dan il-festival wie]ed seta' japprezza diversi snajja u trradizzjonijiet marbuta mal-lokalitajiet kif ukoll iduq ikel u xorb tipiċi Maltin.

**Tenders**
Matul is-sena il-Kunsill ħareġ lista mdaqqsa ta' sejħiet ta' offerti (aktar magħrufa bħala tenders) kif ukoll numru ta' kwotazzjonijiet. Dan biex jassigura effiċjenza, servizz aħjar u mmaniġjar aħjar tar-risorsi tiegħu. Wieħed jittama li dawn il-kuntratti ġodda ikun aktar effiċjenti għall-ġid tal-lokalita' in ġenerali.

**Servizzi offruti fil-Kunsill**
Il-Kunsill qed jinnota żieda fin-numru ta' persuni li javviċinaw il-Kunsill għall-ilmenti u suġġerimenti tagħhom. Dan juri fiduċja fix-xogħol tal-Kunsill, li kull ma jmur qed jiżdied. Numru ta' servizzi li llum indraw bħal ġbir ta' skart goff u ġbir ta' skart riċiklat qed ikun ta' utilita' kbira għar-residenti. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-pubbliku biex jikkolabora fir-riċiklaġġ ta' skart għal ġid tal-ambjent u sabiex niffrankaw fondi li jintużgħaw biex jintrema' l-iskart

**Haddiema Klerikali**
Matul is-sena il-ħaddiema klerikali tal-Kunsill komplew bil-ħidma fejjieda tagħhom ta' kuljum. Huma jirċievu l-ilmenti u s-suġġerimenti taċ-ċittadini, jiġbru l-informazzjoni għall-amministrazzjoni tal-Kunsill, jinvolvu ruħhom fil-finanzjamenti, ibiegħu biljetti għas-siti preistoriċi tal-Imġarr, jaqdu lil kull minn iżur l-uffiċċju u jieħdu ħsieb komunikazzjoni effettiva bejn il-Kunsill, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-entitajiet varji, u l-membri tal-Kunsill.

***Handymen* tal-Kunsill**
Il-Kunsill jagħmel użu wkoll mix-xogħol fejjiedi li jwettqu ż-żewġ handymen. Matul is-sena jieħdu ħsieb li t-toroq jinżammu f' kundizzjoni tajba permezz ta' patching u manutenzjoni ta' bankini. Jaqtgħu ukoll il-ħaxix b'mod regolari mit-toroq rurali, li minnhom jgħaddu l-bdiewa. Humajarmaw dak kollu meħtieġ biex tiġi organiżżata xi attivita bħal Ġieħ Mġarr, Festa Frawli, u jagħtu kontribut fil-Lejla Mġarrija. Il-Kunsill għadu qed imantni ż-żewġ imsaġar li jinsabu fil-Ġnejna u l-Ballut u l-handymen jaħartu din l-art b'mod regolari. Dawn jieħdu ħsieb jibnu xi slieħi li jkunu waqqgħu.

Matul l-2012 il-handymen kienu involuti wkoll f' binja fuq ħajt mat-triq tal-Ġnejna, rampa għall-aċċess għall-ATM tal-HSBC fi' Triq Fisher, numru ta' interventi wara ħsarat ikkawzat mill-maltemp

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : **www.mgarr.gov.mt***

tax-xitwa li għaddiet kif ukoll installazzjonijiet ta' barriers fil-parkeġġ ta' Għajn Tuffieħa u mat-taraġ tal-Kappella ta' Binġemma.

**Konklużjoni**
Dan ir-rapport jiġbor fih numru ta' proġetti u inizzjattivi importanti li saru matul din is-sena, u bl-ebda mod ma jsemmi x-xogħol kollu li jwettaq mill-Kunsill. Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsilliera tax-xogħol siewi li jwettqu biex dan kollu jkun possibbli għal ġid ta' dan ir-raħal.

Cyprian Dalli
**Segretarju Eżekuttiv**